**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Il-Hamis 6 ta' Mejju, 2021

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

### AĠENDA Numru 29

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 29 li ser tinżamm permezz ta' ZOOM nhar it-Tnejn 10 ta' Mejju, 2021 fil-17:30.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet*.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

### AĠENDA

29.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
29.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
29.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
29.5 Rapporti;
29.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
29.7 Aġġornament dwar Miżura 4.4 – Ħitan tas-Sejjieħ fiż-Żona ta' Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena;
29.8 Aġġornament dwar l-Aġġornament tal-Websajt tal-Kunsill Lokali, is-Sistema ta' Permessi Online u s-Servizz ta' Messaġġi;
29.9 Aġġornament dwar l-Iskema ta' Għajnuna għal-Libreriji 2021 mir-Reġjun tan-Nofsinhar;
29.10 Aġġornament dwar l-Ingaġġ ta' Persuna Klerikali mal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
29.11 Immaniġġjar tat-Traffiku fi Triq Sant'Anna u t-toroq tal-madwar;
29.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
29.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tad-29 Laqgħa tat-tmien leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 10 ta' Mejju, 2021 fil-17:30 permezz ta' ZOOM (online) u spiċċat fis-19:30.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR (online) |
| Viċi Sindku | Patrick Bugeja (online) |
| Kunsilliera | Marion Parnis (online) |
| Kunsillier | Charles Zerafa (online) |
| Kunsillier | Daniel Farrugia (online) |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri MQR ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

29.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA**

29.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija.

29.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

29.2.1 Il-Minuti tas-27 Laqgħa u t-28 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu pproponuti mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja.

29.2.2 Il-Kunsilliera Marion Parnis issekondat il-Minuti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 29.3, 29.4 u 29.5 jiġu diskussi wara Minuta 29.11 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

29.6 **AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI**

29.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li wasalna fil-fażi fejn qed jingħata l-konkrit tat-tieni sular tal-binja.

29.6.2 Qal li beda jsir tindif taż-żona u ser issir ġiebja fil-ġimgħat li ġejjin biex tirċievi l-ilma tax-xita.

29.6.3 Spjega kif suppost sal-aħħar ta' Mejju għandu jitlesta' l-bini, u s'issa jidher li x-xogħol miexi ġmielu.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

29.6.4 Il-Kunsillier Charles Zerafa staqsa dwar x'ser jiġri jekk sal-aħħar ta' Mejju 2021 ix-xogħol ma jkunx lest, jekk il-kuntrattur hux ser jibda jeħel il-multi jew le.

29.6.5 Is-Sindku wieġeb li ġaladarba jasal dakinhar, naraw x'raġunament ikun hemm jekk ikun għadu ma lestiex, u nimxu skont il-bżonn.

## 29.7 <u>**AĠĠORNAMENT DWAR MIŻURA 4.4 – HITAN TAS-SEJJIEĦ FIŻ-ŻONA TA' MISRAĦ IS-SANTWARJU TAL-MADONNA TAL-ĦNIENA**</u>

29.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li x-xogħol miexi ġmielu, imma fadal biċċa fi sqaq fuq in-naħa ta' wara tas-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena.

29.7.2 Qal li qed nistennew tweġiba mingħand il-Perit tal-Kunsill Lokali jekk għandniex nibqgħu għaddejjin bil-konkrit jew le minħabba li l-ħajt huwa pjuttost baxx.

29.7.3 Żied li fadal il-problema ta' Trejqet il-Vjatku, għaliex meta nġibdet il-linja dħalna fl-għalqa privata f'xi partijiet.

29.7.4 Spjega li dak li kien hemm tneħħa, imma s-sid issa qed jgħid li jrid il-ħajt li kien hemm, avolja dan kien imwaqqa' fl-għalqa.

29.7.5 Fisser kif jekk kemm-il darba ntellgħu l-ħajt tas-sejjieħ fit-triq, dan ser jostakola l-vetturi kbar li jidħu sal-lum, u għadna qed naraw x'jista' jsir dwar dan.

29.7.6 Is-Sindku qal li nhar il-Ġimgħa li għadda ġew rappreżentanti tal-Aġenzija tal-Pagamenti sabiex jaraw il-korrispondenza u d-dokumentazzjoni li għandna dwar dan il-proġett, kif ukoll ġew jaraw ix-xogħol u l-progress li sar s'issa.

29.7.7 Qal li anke dan ix-xogħol suppost kellu jkun lest sal-aħħar ta' Mejju ta' din is-sena, imma kellna numri t'intoppi li fortunatament irnexxielna negħlbuhom.

29.8 **AĠĠORNAMENT DWAR L-AĠĠORNAMENT TAL-WEBSAJT TAL-KUNSILL LOKALI, IS-SISTEMA TA' PERMESSI ONLINE U S-SERVIZZ TA' MESSAĠĠI**

29.8.1 Il-Kunsillier Charles Zerafa qal li min qed jaħdem fuq il-websajt kellu xi mistoqsijiet u issa trid issir laqgħa biex naraw xi żviluppi hemm.

29.8.2 Qal li l-ispeċifikazzjonijiet li konna tajnih, qed jaħdem fuqhom.

29.8.3 Il-Kunsillier Zerafa tkellem ukoll dwar is-servizz tal-messaġġi bulk.

29.8.4 Qal li ntbagħtu l-e-mails u wieġbu żewġ provdituri tas-servizz tal-messaġġi.

29.8.5 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon qal li dwar is-sistema tal-permessi onlajn ix-xogħol miexi ġmielu, u fil-jiem li ġejjin mistenni jsir it-taħriġ lill-impjegati.

29.8.6 Spjega kif il-ħsieb hu li din is-sistema tkun disposta għall-pubbliku ġenerali sa mill-1 ta' Ġunju li ġej, imma dan għadu jrid jiġi kkonfermat minn min jieħu ħsieb is-sistema.

29.9 **AĠĠORNAMENT DWAR L-ISKEMA TA' GHAJNUNA GHAL-LIBRERIJI 2021 MIR-REĠJUN TAN-NOFSINHAR**

29.9.1 Is-Sindku David Schembri qal li minbarra din l-iskema, kien hemm ukoll l-iskema tal-librerija pubbliċi.

29.9.2 Qal li s-€600 tal-librerija pubblika jridu jintefqu fuq kotba biss, filwaqt li l-€500 tar-Reġjun tan-Nofsinhar irridu naraw kif ser jintefqu.

29.9.3 Jidher li s-suġġeriment tal-librerija pubblika kien li anke l-flus tar-Reġjun tan-Nofsinhar jintefqu fil-kotba, biex ikun hemm numru ta' kotba ġodda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

29.9.4 Is-Sindku qal li fl-aħħar ġimgħat inbidel it-tubu tad-dawl tal-librerija, filwaqt li l-librara talbet għal purtiera ġdida.

29.9.5 Il-Kunsilliera Marion Parnis staqsiet jekk il-purtiera setgħatx tinxtara mill-allokazzjoni tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bis-Sindku jwieġeb li l-iskema kienet waslet biex tagħlaq u ma konniex ser nilħqu nġibu l-kwotazzjonijiet meħtieġa.

29.9.6 Kien hemm qbil unanimu mill-membri tal-Kunsill Lokali sabiex il-purtiera tiġu mixtrija xorta waħda.

## 29.10 <u>**AĠĠORNAMENT DWAR L-INGAĠĠ TA' PERSUNA KLERIKALI MAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI**</u>

29.10.1 Is-Sindku David Schembri qal li ser jgħaddi l-kelma lis-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon dwar din il-materja.

29.10.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wara l-ittra ta' riżenja mis-Sa Stephanie Falzon, il-Kunsill Lokali ħareġ sejħa interna fost il-Kunsilli Lokali ta' Malta u Għawdex għall-ingaġġ t'Uffiċjal Eżekuttiv fuq bażi part-time fi Skala 13.

29.10.3 Qal li minn din is-sejħa ma rriżulta xejn, u fil-jiem li għaddew tkellimna ma' Jobsplus sabiex jipprovdu l-ewwel lista min-naħa tagħhom, ta' persuni li qegħdin ifittxu xogħol preżentament.

29.10.4 Żied li din l-informazzjoni mistennija tasal fil-jiem li ġejjin u allura jkun għaqli jekk il-Kunsill Lokali jiddeċiedi min ser ikun bil-Bord t'Aġġudikazzjoni sabiex isiru l-intervisti lill-applikanti.

29.10.5 Wara diskussjoni ġie deċiż li l-Bord ser ikun ifformulat kif ġej:

Is-Sindku David Schembri
Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja
Il-Kunsilliera Marion Parnis
Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

29.10.6 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din id-deċiżjoni.

## 29.11 IMMANIĠĠJAR TAT-TRAFFIKU FI TRIQ SANT'ANNA U T-TOROQ TAL-MADWAR

29.11.1 Is-Sindku David Schembri qal li wara li tlestiet it-triq, għandna l-problema tal-immaniġġjar tat-traffiku f'din iż-żona.

29.11.2 Qal li fadal isiru s-sinjali tat-triq minn Transport Malta, imma jidher li dawn fadlilhom ftit biex isiru.

29.11.3 Spjega kif il-ħsieb tal-Kunsill Lokali hu li fil-parti li saret bl-aħmar, ma jsirx parkeġġ ta' karozzi sabiex din iż-żona ma titħammiġx.

29.11.4 Qal li hemmhekk kien hemm żewġ parkeġġi għal persuni b'diżabilità, biss Transport Malta qed tgħid li kien hemm permess wieħed, imma dan mhuwiex minnu mill-korrispondenza li għandna f'idejna.

29.11.5 Is-Sindku qal li hemm problema oħra, dwar kif jimxi t-traffiku f'din it-triq.

29.11.6 Qal li s'issa donnu mhux qed ikun hemm daqshekk problema tat-traffiku, imma jista' jkun li 'l quddiem tinqala', allura jkun tajjeb jekk tiġi diskussa issa.

29.11.7 Il-Kunsilliera Marion Parnis staqsiet kif jaħsbuha r-residenti dwar dan.

29.11.8 Is-Sindku wieġeb li minn dak li rnexxilu jiġbor s'issa, hemm taħlita t'ideat, fejn dawk li ilhom jgħixu f'din it-triq qed jgħidu li aħjar kollox jibqa' kif inhu, filwaqt li r-residenti l-ġodda jixtiequ li tiġi one way biex jieħdu s-servizzi kollha, bħalma huwa s-servizz taċ-ċilindri tal-gass.

29.11.9 Żied li jekk isir immaniġġjar f'din it-triq, irid isir fit-toroq tal-madwar

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

ukoll għax ma tistax tinqata' għaliha waħedha.

29.11.10 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja staqsa jekk tistax issir one way bi prova u naraw l-andament tagħha.

29.11.11 Is-Sindku wieġeb li anke jekk issir bi prova, xorta waħda jrid ikun hemm ħsieb warajha, għax trid tkun tagħmel sens għar-residenti u għas-sewwieqa.

29.11.12 Saret diskussjoni, u kien propost li jsir dħul biss fi Triq San Mattew minn kantuniera ma' Triq it-Tempesta.

29.11.13 Barra minn hekk kien propost li minn Triq Sant'Anna għal Triq Ħal Lew tkun biss għar-residenti, u ma jkunux jistgħu jgħaddu vetturi oħra.

29.11.14 Ġie deċiż li għal-laqgħa li jmiss, il-membri tal-Kunsilli Lokali għandhom iressqu proposti, li mbagħad tintagħżel l-aħjar waħda minnhom u tiġi ppreżentatha lir-residenti.

## 29.3 <u>KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU</u>

29.3.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar it-tisbiħ tal-Ġnien tal-Warda, u qal li x-xogħol miexi ġmielu u qed joqrob lejn tmiemu.

29.3.1.1 Dwar il-kameras tas-sigurtà qal li ppruvajna nqabbduhom mal-wifi eżistenti fl-istess Ġnien, imma dak is-servizz jinqata' kull 20 minuta, u allura ma jagħmilx daqstant sens li l-kameras ikunu mqabbda miegħu.

29.3.2 Is-Sindku tkellem dwar l-Attività Kulturali, u qal li kien hemm ideat differenti, imma fl-aħħar iddeċidejna li norganizzaw attività professjonali u tkellimna mas-Sa Dorothy Bezzina.

29.3.2.1 Qal li wasalna għal deċiżjoni li jieħdu sehem l-aħwa Bezzina, is-Sa Miriam Christine Borg u s-Sa Kristina Critien.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

29.3.2.2 Qal li din l-applikazzjoni kienet sottomessa għall-21 t'Awwissu, 2022 u li ssir f'Misraħ il-Maqluba.

29.3.2.3 Żied li din l-applikazzjoni tista' tiġi revokata jekk kemm-il darba l-Kunsill Lokali ma jaqbilx magħha, jew inkella naraw li mhijiex possibbli li ssir.

29.3.2.4 Is-Sindku qal li hemm il-ħsieb li jkun hemm siġġijiet bil-ħlas għal min jixtieq joqgħod bilqiegħda, biss ser ikun hemm l-ispazju adekwat għan-nies biex joqgħodu bilwieqfa u dan isir bla ħlas.

29.3.2.5 Qal li qed nittamaw li dan il-Kunċert ikun sponsorjat kollu kemm hu minn entitajiet differenti.

29.3.3 Is-Sindku tkellem dwar l-Iskema tal-LESA, fejn kien hemm total ta' €80,000 li l-Kunsill Lokali seta' jibbenefika minnu.

29.3.3.1 Qal li l-Kunsill Lokali ilu mil-leġiżlatura li għaddiet jitkellem dwar it-tisbiħ tal-isqaqien, fosthom ta' Triq it-Torri, Triq is-Salvatur, kif ukoll wieħed fi Triq San Nikola.

29.3.3.2 Spjega li b'kollox dawn l-isqaqien huma stmati li jiswew madwar €120,000, u applikajna għall-iskema.

29.3.3.3 Żied li qed jittama li ningħataw it-€80,000 mil-LESA ħalli l-Kunsill Lokali joħroġ l-€40,000 oħra li hemm bżonn u b'hekk jitwettaq proġett ieħor li kien fil-manifest elettorali tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

29.3.3.4 Qal li din l-applikazzjoni ssottomettiha hu, minħabba li s-Segretarju Eżekuttiv kien qed jobdi d-direttivi tal-Union Ħaddiema Magħqudin, u għaldaqstant ma ffirmax din l-applikazzjoni.

29.3.4 Is-Sindku tkellem dwar l-Iskema tal-Bandli u l-Ispazji Pubbliċi, u qal li din waslet biex tagħlaq fil-jiem li ġejjin, eżattament fis-17 ta' Mejju.

29.3.4.1 Qal li filwaqt li t-tisbiħ fil-Ġnien tal-Warda qiegħed isir mill-fondi tal-Urban Improvement Fund, xorta waħda rridu l-finanzjament biex isir

il-bandli ta' Ġnien Nicolò Communet.

29.3.4.2 Żied li fil-preżent qed nistennew il-Bill of Quantities mingħand il-Perit Henry Attard sabiex din tiġi sottomessa mal-applikazzjoni tagħna għax aħna rridu li l-proġett taċ-Ċentru Ċiviku jkun proġett ħolistiku.

29.3.4.3 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja qabel mal-proposta tas-Sindku u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

29.3.5 Is-Sindku tkellem dwar żjara mill-Konslu tal-Olanda fil-Kunsill Lokali fil-ġimgħat li għaddew.

29.3.5.1 Qal li l-Konslu tkellem mal-Kunsill Lokali dwar grupp kbir Olandiż li ser jagħti xi kunċerti f'pajjiżna, ħamsa b'kollox.

29.3.5.2 Spjega kif il-Konslu wera x-xewqa li jsir kunċert fil-Qrendi, preferibilment barra, u ġiet magħżula ż-żona ta' Misraħ il-Maqluba, li tospita orkestra ta' madwar 100 ruħ.

29.3.5.3 Qal li matul il-laqgħa ħareġ li l-orkestra ser tiġi s-sena li ġejja (2022) u qed tistenna li jingħataw xi ħaġa tal-ikel fil-ġurnata li jiġu jagħmlu l-Kunċert il-Qrendi.

29.3.5.4 Żied li nistgħu nippruvaw inġibu sponsor minħabba l-ikel, filwaqt li jistgħu jibbenefikaw l-Għaqdiet Mużikali għaliex ikunu parteċipi bis-siġġijiet, live streaming, eċċ...

29.3.5.5 Qal li dan il-Kunċert huwa ppjanat għal Lulju 2022, imma għad irid jiġi kkonfermat kollox.

29.3.5.6 Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda, u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

29.3.6 Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħol li qed isir fiċ-Ċimiterju San Nikola, iċ-ċimiterju tal-Qrendi.

29.3.6.1 Qal li permezz ta' wieħed mill-ħaddiema tal-Community Workers Scheme, il-kappella ż-żgħira taċ-ċimiterju ġiet irranġata u ngħatat id-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

dehra li tixraqilha.

29.3.6.2 Barra minn hekk, qed nirranġaw il-kappella minn ġewwa, fejn anke qed tiġi rrestawrata l-istatwa.

29.3.6.3 Żied li ser issir statwa ta' San Nikola għan-niċċa li hemm fuq il-bieb prinċipali tal-kappella u din ser issir minn benefattur.

29.3.6.4 Qal li kien hemm benefatturi oħra li ħallsu għal xi spejjeż varji, filwaqt li qed jiġi mfittex benefattur ieħor biex isir salib ġol-Kappella.

29.3.6.5 Qed nittamaw li kollox ikun lest sa Jum il-Missier 2021, f'Ġunju li ġej.

29.3.7 Is-Sindku tkellem dwar il-fondi tal-Eco Hive, u qal li permezz tagħhom qed isiru l-vażi tal-qsari li hemm fuq iz-zuntier tal-Kappella tas-Salvatur.

29.3.7.1 Barra minn hekk inxtraw żewġ siġar tal-ballut għal Triq iċ-Ċimiterju, filwaqt li nxtraw xi fjuri għaz-zuntier tal-Kappella ta' Sant'Anna.

29.3.7.2 Żied li tkaħħal iz-zuntier kollu tal-Kappella ta' Sant'Anna, filwaqt li z-zuntier ta' San Mattew reġa' nżebagħ biż-żebgħa ħamra.

29.3.7.3 Barra daw, is-Sindku qal li saru r-railings fil-Maqluba permezz tat-Tourism Zones Foundation.

29.3.8 Is-Sindku tkellem dwar is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena u qal li bħalissa qed isir studju fuq il-pedamenti għax instab li kien hemm Kappella oħra taħt dik li hemm illum.

29.3.8.1 Barra minn hekk qal li hemm spiża finanzjarja sostanzjali minħabba d-dawl, għax dak li kien hemm kellu jinqala' kollu.

29.3.8.2 Jidher li l-MTA ser tipprova tidħol għall-ispiża li ser tiġi tiswa mas-€60,000.

29.3.8.3 Żied li qed jiġu rrestawrati l-istatwi li kien hemm mal-Portiku, u qed jieħdu s-sura li kellhom fil-passat.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

29.3.8.4 Barra minn hekk, iridu jsiru r-raġġieri ta' ma' ras l-istatwi, sitta b'kollox. Spjega kif dawn jiġu jiswew €400 biex isiru tal-istainless steel.

29.3.8.5 Qal li tkun ideali li l-Kunsill Lokali jħallas dawn l-ispejjeż wara x-xogħol kollu li qed isir mid-Direttorat tar-Restawr.

29.3.8.6 Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

29.3.9 Is-Sindku tkellem dwar il-fondi li ser nirċievu minn GAL Xlokk dwar Miżura 3, u qal li bħalissa qed jiġu editjati l-videos, kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż.

29.3.9.1 Tkellem ukoll dwar it-tabelli informattivi li ser jiġu installati qrib il-kappeli u kif bħalissa qed isir il-qari tal-provi tat-test miktub.

29.3.9.2 Żied li jidher li t-tabelli ser jiġu pprintjati l-Ġermanja, u l-ħsieb hu li dawn iservu ħafna u ħafn'aktar milli jservu llum.

29.3.10 Is-Sindku tkellem dwar il-pittura tal-Kappella ta' Santa Katarina, u qal li ser nieħdu l-fondi mill-GAL Xlokk meta l-Kurja tibagħtilna bil-miktub li nistgħu nmexxu b'restawr fil-kappella.

29.3.10.1 Qal li l-pittura hija unika, għax fl-1883 kienet diġà ġiet irrestawratha, u allura għandha ftit żmien mhux ħażin.

29.3.11 Is-Sindku tkellem dwar il-proġett slow streets u qal li wasal iż-żmien li nibdew diskussjoni dwar jekk nattwawx xi waħda mill-proposti mressqa lill-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

## 29.4 <u>TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI</u>

29.4.1 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja staqsa dwar il-proġett ta' Slow Streets u staqsa jekk hemmx xi pjanti li jistgħu jaraw u jevalwaw.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

29.4.1.1 Is-Sindku wieġeb li hemm dokument ipprintjat, u rridu naraw kemm huwa possibbli li jsir scan tiegħu.

29.4.2 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja tkellem dwar il-Festival Agrarju tal-Patata 2022, u staqsa jekk huwiex possibbli li dan isir.

29.4.2.1 Is-Sindku qal li jittama li s-sena d-dieħla jkun jista' jsir kif sar fil-passat, u ħeġġeġ lill-Viċi Sindku sabiex jikkomunika mal-Amministratur Parrokjali biex jiċċekkja jekk fi tmiem dik il-ġimgħa proposta hemmx tiġien fil-Kappella ta' San Mattew tal-Maqluba.

29.4.3 Il-Viċi Sindku staqsa dwar għalqa fi Triq Ġużeppi Muscat kantuniera ma' Triq il-Puniċi.

29.4.3.1 Is-Sindku wieġeb li donnu dik l-għalqa ħadd ma jaf ta' min hi, għaliex ħsibna li kienet tal-Knisja, imbagħad jidher li mxiet għand il-Joint Office, u dan l-aħħar sirna mgħarrfin li jista' jkun hija ta' xi ħadd privat.

29.4.3.2 Qal li hemm bżonn nindagaw sew ta' min hi, għax issa anke l-Amministrut Parrokjali għandu d-dubji jekk hijiex tal-knisja jew le.

29.4.3.3 Ser nerġgħu nikkomunikaw mal-Joint Office biex naslu għal xi tip ta' konklużjoni.

29.4.4 Il-Viċi Sindku staqsa dwar jekk fadalx xi xogħol xi jsir fi Triq it-Tempesta.

29.4.4.1 Qal li qed jistaqsi dan fid-dawl li fil-by-pass tal-Imqabba u ż-Żurrieq qed isir id-dawl maż-zebra crossings.

29.4.4.2 Is-Sindku wieġeb li ma nafux jekk fadalx x'isir jew le, għax qed isiru xi xogħolijiet li lanqas biss nafu bihom, bħalma kienu r-rubble strips u ż-żebgħa ħamra, li saru lejn in-naħa tal-Maqluba.

29.4.5 Il-Viċi Sindku staqsa dwar is-safety audit ta' Triq it-Tempesta u s-Sindku wieġeb li ma rċevejna xejn u ser nibagħtu tfakkira ġentili dwar dan.

29.4.6 Il-Kunsilliera Marion Parnis qalet li rridu nitkellmu mal-veterinarju li bagħtilna l-kwotazzjoni, sabiex inkunu nistgħu nibdew nieħdu l-qtates meta jkollhom bżonn il-kura.

29.4.7 Il-Kunsilliera Marion Parnis staqsiet jekk jistgħux isiru xi sinjali fejn saru x-xelters, sabiex ma jintremiex ikel li ma jkunx tajjeb għalihom.

29.4.7.1 Is-Sindku qal li jista' jiġi ddiżinjat disinn u jinħadem.

29.4.8 Il-Kunsilliera Marion Parnis tkellmet dwar Triq Il-Madonna tal-Grazzja u qalet li kien hemm min ilmenta li qed ikun hemm sewqan eċċessiv.

29.4.8.1 Qalet li hemm xi residenti li jixtieqi li jsiru sleeping policemen.

29.4.8.2 Is-Sindku wieġeb li dawn iridu jiġu proposti mir-residenti stess fejn iriduhom, għax imbagħad wara jkollna l-problemi.

29.4.9 Il-Kunsillier Charles Zerafa staqsa jekk maġenb il-Bring-In Sites jistgħux isiru tabelli biex jekk dawn ikunu mimlija, ma jintremiex skart mal-art.

29.4.9.1 Is-Sindku qal li din il-proposta tagħmel sens u ta' min nieħdu ħsiebha fil-ġimgħat li ġejjin.

## 29.5 <u>RAPPORTI</u>

29.5.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti mill-Kunsillieri preżenti.

29.5.2 Is-Sindku qal li ser jgħaddi l-kelma lis-Segretarju Eżekuttiv.

29.5.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon qal li din il-laqgħa qiegħda ssir filwaqt li hemm direttivi mill-Union Ħaddiema Magħqudin sabiex ma jsirux laqgħat tal-Kunsilli Lokali, minħabba li ser jitfa' r-riżenja tiegħu mill-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

29.5.2.2 Qal li fl-aħħar jiem tkellem mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, kif ukoll mal-Assoċjazzjoni tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Reġjonali, sabiex jinfurmahom bil-ħsieb tiegħu li jirreżenja mill-kariga.

29.5.2.3 Żied li ftit tal-jiem qabel din il-laqgħa, tkellem ukoll mas-Sindku fejn infurmah informalment bid-deċiżjoni li kien ħa.

29.5.2.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-ħsieb hu li jħalli l-kariga fl-aħħar ta' Ġunju 2021, għaldaqstant matul il-jiem li ġejjin ser ikun qed jibgħat l-ittra ta' riżenja sabiex jiskatta l-proċess t'ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv ġdid għall-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

29.5.2.5 Is-Sindku flimkien mal-Viċi Sindku u l-Kunsillieri rringrazzjaw lis-Segretarju Eżekuttiv tal-ħidma tiegħu u awgurawlu l-isbaħ xewqat għall-futur.

29.5.2.6 Is-Sindku qal li sakemm jitlesta l-proċess t'ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv ġdid, m'hemmx ċertezza li dan ser ikun konkluż sal-aħħar ta' Ġunju 2021, u f'dak il-każ, innomina lis-Sa Stephania Grixti, l-Assistent Prinċipal tal-Kunsill Lokali, sabiex taġixxi ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv sakemm jitlesta l-proċess.

29.5.2.7 Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda l-proposta tas-Sindku, filwaqt li l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 29.12 <u>KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI</u>

29.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €87,963.41 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 04/21 u €57.57 skont il-*Petty Cash* Ref Y/3.

29.12.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

29.12.3 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja u l-Kunsilliera Marion Parnis issekondaw

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

din il-proposta.

29.12.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 29.13 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

29.13.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-19:30 u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 9 ta' Ġunju, 2021 fil-17:30.

______________________

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

______________________

**David Schembri**
**Sindku**